Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 10 ta' Dicembru 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Mario Spiteri**
**(844554M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mario Spiteri** detentur tal-karta tal-identita' numru 844554M.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Settembru 2013 gewwa Hal Far limiti taz-Zurrieq,

1. Bil-hsieb li jezercita jedd li jipretendi li ghandu jgieghel bl-awtorita' tieghu innifsu b'detriment u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-kwerelati irrimwova rampa li taghti access ghal diversi ghelieqi elevati proprjeta' tal-kwerelanti.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-kwerelanti ai termini tal-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordnalu jnehhi kull inkonvenjent u jirripristina l-lok tar-reat ai termini tal-Art. 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.
Rat u semghat ix-xhieda.

Semghat it-tratazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi rat l-affidavit ta' WPS22 Lara Butters li ddikjarat illi fis-27 ta' Settembru 2013, kienu rcevew kwerela minghand Dr. Claudio Zammit fejn kiteb ghan-nom ta' Carmel D'Amato, Joseph Camilleri, Rokku Camilleri u Manwel Camilleri fejn talab sabiex il-Pulizija tmexxi bl-urgenza kontra Mario Spiteri li kien nehha rampa li taghti access ghal diversi ghelieqi elevati, proprjeta tal-kwerelanti, bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hi tkellmet ma' Mario Spiteri li stqarr illi hu kien xtara l-ghalqa minghand disa' ahwa, u fil-kuntratt tieghu kien hemm li ma' seta' jghaddi l-ebda persuni. Huwa kien ha jtella' l-kuntratt tieghu l-Qorti, u r-rampa kienet ser tibqa' kif inhi u kull darba li huma jaghmlu r-rampa hu kien ha jnehhija ghax kienet fil-proprjeta' tieghu sakemm dawn il-persuni juruh li ghandhom dritt ghaliha. Qabel ir-rampa kien hemm zewg gebliet flokk ir-rampa u r-rampa saret ricentament.

Illi rat il-kwerela ta' Dr. Claudio Zammit u li fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti diversament ippreseduta giet innominata l-Perit Elena Borg Costanzi biex taccedi fuq il-post, tisma' x-xhieda u tikkonstatata. Rat in-nota fejn gie ipprezentat l-kuntratt datat 29 ta' Marzu 2006, fl-Atti tan-Nutar Dr. Fiona Farrugia li permezz taghha Mario u Carmela Spiteri xtraw u akkwistaw porzjon art formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala taz-Zebbuga li hija l-mertu tal-kawza.

Illi fil-25 ta' Gunju 2019 xehdet Perit Elena Borg Costanzi fejn ipprezentat ir-rapport taghha mmarkat Dok EBC1. Il-Perit kienet semghet ix-xhieda ta' Mario Spiteri u martu Carmela Spiteri li huma s-sidien ta' nofs tomna, fejn irrizulta illi Carmela Spiteri tmur spiss l-ghalqa filwaqt li Mario Spiteri jmur meta jkollha bzonnu. Dakinhar li D'Amato u Camilleri marru biex jghaddu, hu kien hemm u kienu gew fl-idejn. Mario Spiteri qal illi ma jafx li kien hemm dritt ta' passagg ghall-ghalqa li tinsab oghla minn taghhom, u meta xtraw fl-2006 fil-fethiet li jidhru fir-ritratti MS7 u MS8, ma kienx hemm rampa. Rokku Camilleri xehed illi kien jghaddi mill-ghalqa ta' Spiteri ghall-ghalqa tieghu li qieghda f'livell aktar baxx mir-rampa imfassla bil-gebel. Carmel D'Amato xehed illi hu flimkien ma' nies ohra kienu jghaddu ghall-ghalqa taghhom tramite rampa li jidher fir-ritratt MS8 li kien qalaghha Spiteri. Minflok il-gebel kien hemm rampa illi minnu setghu jghaddu bil-mutur tal-hart. Manwel Camilleri kkonferma

illi sabiex jitla' fl-ghalqa tieghu, kien jghaddi mir-rampa u din giet mnehhija u minflokha kien hemm gebel u b'hekk seta' jitla' biss bir-rigel. Edwin Camilleri xehed illi hu flimkien ma' hutu kienu sidien tal-ghalqa li nbieghat lil Spiteri bil-kuntratt MS5 u li kien hemm zewg moghdijiet wahda biex jitilghu n-nies ta' fuq, li kienet ilha hemm minn dejjem u l-ohra li saret meta nqasmet l-ghalqa tan-nannu taghhom sabiex jidhlu z-zijiet, ghax inkella ma kellhomx minn fejn jidhlu. Hu kien jahdem l-ghalqa, ghax madwar ghaxar snin qabel ma sar il-kuntratt, hu dejjem jiftakar ir-rampa u l-fetha, ghalkemm il-fetha kienet idjaq milli tidher fir-ritratt. Hu qal illi hu u hutu kienu qalu lin-Nutar dwar il-moghdijiet sabiex jitnizzlu fil-kuntratt. In-Nutar Fiona Galea Farrugia tghid illi hi nizzlet il-klawsola numru 4 fil-kuntratt, fuq li jkunu qalulha l-partijiet u ma tiftakarx illi kien hemm passagg.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 gie estiz l-inkarigu tal-Perit sabiex taghmel il-konkluzjonijiet taghha, liema rapport gie pprezentat fil-21 ta' Jannar 2020 u gie mmarkat bhala Dok EBC2. Illi il-konkluzzjoni teknika kienet illi il-passagg kien jezisti fiz-zmien ta' meta saru l-akkuzi u kien bejn iz-zewg porzjonjiet ta' ghelieqi taz-zewg akkuzati. L-ghelieqi kienu dizlivellati u ghalhekk ir-rampa kienet bzonnjuza sabiex jaccedu ghall-ghelieqi specjalment bl-ingenji, peress illi l-ghelieqi kienu jinhadmu. Ma kienx hemm kontestazzjoni illi kien hemm fetha fil-hajt divizorju, izda il-kontestazzjoni kienet dwar il-kobor tar-rampa li kienet mfassla bil-gebel.

Illi fl-24 ta' Jannar 2023 regghet xehdet il-Perit Borg Constanzi, fejn b'referenza ghar-rapport datat 21/01/2020 immarkat Dok EBS2 u ghal konkluzzjoni tar-rapport, hi kkonfermat illi r-ritratti immarkati MS11 sa MS13 kienu mehudin waqt l-access u ma rrizultalhiex li r-rampa kienet hemm dakinhar tal-akkuza. Dwar id-dritt tal-passagg li kellhom D'Amato u Camilleri huma kienu semmew il-kuntratt, imma ma kienux ipproducewhom. Irrizulta illi D'Amato u ohrajn kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat li nehha r-rampa li minnha kellhom dritt jghaddu l-kwerelanti. Din il-kawza hija marbuta ma' kawza ohra fejn l-imputat f'din il-kawza ghamel kwerela fil-konfront tal-kwerelanti li kienu jghaddu mill-ghalqa tal-kwerelanti minghajr ma kellhom dritt tal-passagg.

Illi l-Perit Borg Costanzi giet appuntata mill-Qorti diversament preseduta biex tisma' x-xhieda u taghti l-konkluzzjonijiet taghha. Mix-xhieda li nstemghu u mill-konkluzzjonijiet teknici tal-Perit, jirrizulta illi fil-fatt kien hemm rampa li kienet ilha tintuza ghal hafna zmien, ferm qabel ma xtara l-ghalqa Spiteri, li huwa l-akkuzat f'din il-kawza. Ghalkemm fil-kuntratt ta' l-akkwist ma kien imsemmi ebda dritt ta' passagg, Edwin Camilleri li kien wiehed mill-ahwa li kienu bieghu l-art lil Spiteri, iddikjara li r-rampa kienet hemm u jiftakar ukoll lill ommu ssemieha. Waqt il-bejgh tal-ghalqa hu jghid illi huma kienu nfurmaw lin-Nutar dwar il-moghdijiet.

Illi jirrizulta illi l-*parte civile* kellhom dritt ta' passagg inkluz l-uzu tar-rampa, li rrizulta mill-provi li kienet ilha hemm ghal diversi snin, u ghalhekk il-Qorti, wara li rat d-dokumenti pprezentati u rat ix-xhieda kif ukoll il-konkluzzjonijiet tal-Perit Elena Borg Costanzi, hija konvinta illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 11 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed ssib lill-imputat **Mario Spiteri hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€ 500).**

Illi wkoll ai termini ta' l-**Artikolu 377 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-imputat sabiex inehhi kull inkonvenjent li nholoq lill-*parte civile* sabiex jaccedu ghall-ghelieqi taghhom kif ukoll jirripristina r-rampa ghal kif kienet qabel din tnehhiet minnu.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**